MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Numru 842/2005

Il-Pulizija
(Spettur Ian J. Abdilla)

vs

Marco (Marco Antonio) Attard,
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Hector Carter, Charles Cini, Marco (Marco Antonio) Attard, u Alexander Farrugia ta' karta ta' identita' numru: 953750(M), 103479(M), 491976(M) u 438377(M) rispettivament akkuzati talli:

A. f'Mejju 2003, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Malta kif wkoll barra minn Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. ippromovew , ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom setghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 83A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appartenejtu ghal ghaqda msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 83A(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa,
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Lil Hector Carter, Charles Cini u Marco (Marco Antonio) Attard wehidhom, billi huma akkuzati

B. talli f'Mejju 2003, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

4. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn LM10,000.00 ghad-dannu ta' diversi persuni, banek kummercjali u kumpaniji ohra;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentament ghamlu uzu minnhom;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentament ghamlu uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

7. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Lil Marco (Marco Antonio) Attard u Alexander Farrugia wehidhom, billi huma akkuzati

C. talli f’Mejju 2003, u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’diversi postijiet gewwa Malta, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

8. minhabba l-istat, professjoni jew kariga taghhom, kienu saru id-depozitarji ta’ sigriet li kien gie fdat lilhom, kixfu dan is-sigriet, hlief fil-kazijiet li fihom il-ligi tobbligahom jgharrfuhom lil awtorita’ pubblika;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 257 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Lil Hector Carter wahdu, billi huwa akkuzat

D. talli f’Mejju 2003, u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’diversi postijiet gewwa Malta, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

9. bena, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista’ jikkonnetta kontra l-ligi ma’ sistema ta’ telekomunikazzjoni;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 298A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

U b’hekk huma, Hector Carter u Charles Cini saru recidivi a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dak li specjalment jirrendi l-kaz kontra dan l-imputat wiehed gravi u serju u propju dan il-fatt tal-impjieg tieghu li ppermettielu jkollu informazzjoni riservata li ghaddiha lill-terzi liema fatt 'per se' ser ikollu rifless fuq il-piena.

Illi f'dan l-istadju ta' din is-sentenza qeghda ssir pjena riferuza ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat u l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu.

Illi jinghad li b'verbal tal-25 ta' Frar ta' dina s-sena l-ufficjal prosekutur iddikjara:

1. li ma kienx qieghed isostni fuq l-Artikolu 83A(1) izda kien qieghed izomm ferm fuq l-Artikolu 83A(2) tal-Kap 9.
2. li l-akkuzi riferenza ghall-Artikolu 167, 169, 183, 184 u 189 tal-Kap 9 huma alternattivi ghal xulxin u f'kwalunkwe kaz japplika fil-konfront taghhom il-mezz ghal fini.

Ikkonsidrat:

Ir-reati li ghalihom ghandu jirrispondi l-imputat b'referenza ghal din is-sentenza tal-lum li hija esklussiva ghalih ai termini tal-Artikoli tal-Avukat Generali huma kif ser jinghad:

- taht l-Artikolu 83A(1) tal-Kap 9 li jitratta l-promozzjoni ecc ta' ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali;

- taht l-Artikolu 83A(2) tal-Kap 9 ghal fatt innifsu ta' appartenenza ghal din ix-xorta ta' ghaqda;
- taht l-Artikolu 48A tal-Kap 9 li jitratta l-assocjazzjoni ghal fini li jsir reat;
- taht l-Artikolu 308, 309, 310 tal-Kap 9 ossija ta' truffa aggravata;
- taht l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 fir-rigward ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti u l-uzu tal-istess;
- taht l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 ossija ta' falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew bank privat minghajr il-kwalifia ta' ufficjal pubbliku u l-uzu tal-istess;
- taht l-Artikolu 189 tal-Kap 9 li jitratta l-falsifikazzjoni in generali;
- taht l-Artikolu 257 tal-Kap 9 li jitratta l-kxif ta' sigrieti professjonali.

Illi ghad-eccezzjoni tar-reat kontestat taht l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9 r-reati l-ohra kontestati lill-imputat huma koncepiti bhala reati kontinwati.

Illi l-isfond li fih immaturaw l-akkuzi kienet investigazzjoni mit-Taqsima tal-Pulizija ta' kontra l-frodi fir-rigward istruzzjonijiet foloz rikopitati minn banek f'Malta rikjedenti t-trasferiment minn kontijiet bankarji hemm mizmuma ghal kontijiet bankarji fl-estern. Ir-'res gestae' tal-kaz huma spjegati dettaljatament fix-xhieda tal-ispettur investigattiv u ufficjal prosekutur f'dan il-kaz (folio 118 et seq). Huwa wkoll rikonoxxut il-fatt li l-imputat kien impjegat mal-Lombard Bank fi zmien tar-reati adebitati u ftit jew xejn hu rilevanti li kien temm l-impjieg tieghu fil-31.01.2003.

Ghaldaqstant u fil-waqt li ssibu hati fuq ammisjoni tieghu stess tar-reati kollha lilu addebitati. Wara li rat l-Artikoli 18, 83A(2), 48A, 308, 309, 310, 167, 169, 183, 184, 189, 257, 17(b)(h) u 31 tal-Kap 9 tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat ihallas €3,000 multa u kwart tal-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti in konnessjoni ma' dina l-kawza senjatament dawk inkorsi fin-nomina ta' Martin Bajada.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------